**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 23 ta' Marzu, 2017

Rikors Guramentat numru : 138/15 AL

**A B (xxxxxM) u b'digriet tal-4 ta' Novembru 2015 A B giet mahtura bhala kuratrici ad litem tal-minuri N B u b'digriet tal-4 ta' Novembru 2015 l-isem A gie mibdul ghal A**

**vs**

**C D (xxxxxx) u d-Direttur tar-Registru Pubbliku**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ippresentat mill-attrici, li permezz tieghu ppremettiet :

1. Illi ghall-habta tas-sena 2001, il-kontendenti bdew relazzjoni flimkien, mil-liema relazzjoni twieled tifel bl-isem N fit-12 ta' Dicembru 2003 (Certifikat tat-twelid hawn anness);
2. Illi l-intimat irrifjuta li jaghraf lil ibnu fuq ic-certifikat tat-twelid hawn fuq imsemmi bin-numru 4466/2003 u fil-fatt, il-kontendenti hassru r-relazzjoni ta' bejniethom ftit wara t-twelid tal-imsemmi N B;

3. Illi l-esponenti tixtieq li l-imsemmi C D jaghraf lil ibnu fuq l-att tat-twelid relattiv u ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi u dan ai termini tal-Artikolu 86A tal-Kodici Civili;

Talab, ghar-ragunijiet premessi, prevja kull dikjarazzjoni li din l-Qorti jidhrilha xierqa, li l-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

i. Tiddikjara l-intimat C D bhala missier biologiku tal-minuri N B li twieled fit-12 ta' Dicembru 2003;
ii. Tordna li l-minuri N B jibqa' maghruf b'kunjom ommu cioe' B;
iii. Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jikkoregi l-att tat-twelid tal-minuri numru 4466/2003 billi fost ohrajn :
    (a) Jigu kancellati kliem *"Unknown Father"* mill-kolonna intestata *"Isem u Kunjom"* ghar-rigward ta' *"Missier it-tarbija"* u minflokom jigu inseriti l-kliem *"C D"* fl-istess kolonna u post;
    (b) Jigu inseriti n-numri u l-kliem "*xxxxM Maltese ID Card Number"* fil-kolonna intestata *"id-Dokument ta' l-identita"* ghar-rigward ta' *"Missier it-tarbija"*;
    (c) Jigu inseriti in-numri *"18"* fil-kolonna intestata *"Eta"* ghar-rigward ta' *"Missier it-tarbija";*
    (d) *Jigu* inseriti l-kliem *"Pieta' Malta"* fil-kolonna intestata *"Twieldu"* ghar-rigward ta' *"Missier it-tarbija";*
    (e) Jigu inseriti l-kliem *"Pembroke Malta"* fil-kolonna intestata *"Joqghodu"* ghar-rigward ta' *"Missier it-tarbija";*
    (f) Jigu inseriti l-kliem *"O D (Alive)"* fil-kolonna intestata *"Isem u kunjom il-missier, u jekk hux haj jew mejjet"* ghar-rigward ta' *"Missier it-tarbija";*

Bl-ispejjez;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku, li permezz taghha eccepixxa : (fol 31)

1. Illi preliminarjament l-esponenti tirrileva li l-Avukat Ġenerali ma ġiex notifikat skont kif jipprovdi l-**Artikolu**

**181B (3) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**. Isegwi għalhekk illi t-terminu għall-preżentata tar-risposta għadu ma bediex jiddikorri;

2. Illi fl-ewwel lok, għal benefiċċju ta' kjarezza u kompletezza tal-ġudizzju, l-esponenti jġib a konjizzjoni tar-rikorrenti, illi hemm diskrepanza fil-mod kif ġie miktub isem ir-rikorrenti fir-rikors in risposta bħala 'A' bil-'*y*' u kif inhu imniżżel isem ir-rikorrenti bħala 'A' bil-'*i*' fuq l-att tat-twelid tal-minuri N bin-numru ta' iskrizzjoni erbat elef, erba' mija, sitta u sittin (4466) tas-sena elfejn u tlieta (2003) li ġie anness mar-rikors promotur mir-rikorrenti stess. Għaldaqstant jekk jirriżulta illi hemm żball fil-mod kif inkiteb isem ir-rikorrenti fir-rikors promotur, l-esponenti tistieden lir-rikorrenti sabiex bl-applikazzjoni tal-**Artikolu 175 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** titlob għal korrezzjoni debiti fir-rikors odjern sabiex ikun rifless isem ir-rikorrenti skont kif inhu imniżżel l-isem tal-omm il-minuri N fiċ-ċertifikat tat-twelid tal-imsemmi minuri;
3. Illi mingħajr preġudizzju għall-premess u in linea preliminari ukoll, l-esponenti teċċepixxi li huwa indispensabbli għall-benefiċċju ta' l-integrita tal-ġudizzju, li jiġi msejjaħ kjamat fil-kawża il-minuri N B ai termini ġenerali tal-**Artikolu 961 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** u senjatament tal-**Artikolu 86A tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta** li jipprefiġġi illi *"L-omm ta' iben imnissel jew imwieled barra miż-żwieġ li ma jiġix magħruf mil-missier, <u>u dak l-istess tifel</u>, jistgħu f'kull żmien iressqu talba ġudizzjarja biex tiġi stabbilita l- paternità tat-tifel u biex il-Qorti tordna ir-reġistrazzjoni ta' dik il- paternità fl-atti ta' l-istat ċivili relattivi".* Għalhekk għandhu jiġi msejjaħ fil-kawża il-minuri N B li għandhu jkun debitament rappreżentat *ad litem* minn kuraturi jew tuturi maħtura mill-Qorti sabiex jirrappreżentaw l-interessi tal-imsemmi minuri, skont id-dispożizzjonijiet tal-**Artikoli 781, 782 u 783 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**;
4. Illi minghajr preġudizzju għas-suespost l-esponenti tistqarr li mhijiex edotta mill-fatti li ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat u għalhekk għal dak li għandu x'jaqsam mal-mertu tal-każ inkwistjoni hija tirrimetti ruħha għar-riżultanzi istruttorji għalkemm f'dan l-ambitu l-esponenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tistieden lill-partijiet kollha kkonċernanti sabiex jissottomettu ruħhom għat-

testijiet ġenetiċi kif provdut fl-**Artikolu 100A tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**;

5. Illi bla ħsara għal fuq espost f'każ li jintlaqaw it-talbiet tar-rikorrenti, l-esponenti tistieden lil konvenut C D sabiex jikkonferma d-dettalji personali kollha tiegħu kif sottomessa fit-tielet talba tar-rikorrenti, billi jippreżenthom permezz ta' nota li tispeċifika senjatament (1) In-numru tal-karta tal-Identita, (2) ismu u kunjomu, (3) l-età tiegħu meta twieled il-minuri N, (4) il-post tat-twelid tiegħu, (5) il-post ta' residenza tiegħu meta twieled l-imsemmi minuri, (6) isem u kunjom ta' missieru u (7) jekk l-imsemmi missier patern kienx għadu ħaj meta twieled l-minuri N. Tali informazzjoni hija meħtieġa biex tiġi eventwalment inserita fl-Att tat-Twelid tal-fuq riferit minuri N, bin-numru ta' registrazzjoni progressiv erbat elef, erba' mija, sitta u sittin (4466) tas-sena elfejn u tlieta (2003);
6. Illi bla preġudizzju għas-suespost, l-esponenti tirrileva illi l-partijiet kontendenti għandhom jiddeċiedu b'mod definittiv liema kunjom għandu jassumi l-minuri N a tenur tal-**Artikolu 92 (6) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**;
7. Illi finalment dejjem mingħajr ħsara għal fuq espost, l-esponenti tissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir tal-esponenti u kwindi hija m'għandiex tiġi assoġġettata għall-ispejjeż tal-kawża istanti;
8. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku;

Rat ir-risposta tal-konvenut C D, li permezz taghha eccepixxa : (fol 36)

1. Illi fl-ewwel lok huwa assolutament inveritjier li l-esponent qatt irrifjuta li jagħraf lill-minuri N fuq iċ-ċertifikat tat-twelid relattiv, liema ċertifikat ġie preżentat mill-attriċi fil-proċeduri odjerni;

2. Illi anzi, kif ser jirriżulta mill-provi li ser jinġiebu fil-mori ta' dawn il-proċeduri, l-esponent ried li t-tifel N jiġi rreġistrat

bħala ibnu u kien anki insista mal-attriċi meta hija kienet għadha tqila bit-tarbija, sabiex flimkien jagħmlu l-arranġamenti neċessarji sabiex it-tifel jiġi reġistrat fuq isem l-esponent ladarba jitwieled;

3. Illi pero' kull darba li l-esponent kien iqajjem dan l-argument, l-attriċi kienet iġġib ħafna skużi u l-esponent beda jinnota li hija kienet bdiet tħawwad ħafna fid-diskors tagħha. Illi eventwalment huwa kkonfronta lill-attriċi u din infurmatu, b' mod ċar u inekwivoku, li huwa ma kienx il-missier bijoloġiku tal-minuri N;

4. Illi kien proprju għal din ir-raġuni prinċiparjament li r-relazzjoni bejn l-attriċi u l-esponenti kienet intemmet u ċioe' minħabba li kien irriżulta' li l-attriċi, fi żmien il-konċepiment tal-minuri, kien kellha x' taqsam b' mod intimu ma' minn tal-inqas raġel ieħor;

5. Illi nonostante' dan, kif ser jiġi pruvat fil-mori ta' dawn il-proċeduri, kemm l-esponent u kif ukoll membri tal-familja tiegħu kienu baqgħu jinsistu mal-attriċi sa' meta l-minuri N kien għalaq l-eta' ta' erba' (4) snin, biex tgħidilhom verament jekk l-esponent kienx missier it-tifel jew le, iżda l-attriċi kienet baqgħet konsistentement tinnega dak li llum hija qiegħdha titlob lil din il-Qorti tikkonferma;

6. Illi b'hekk l-esponent u l-familjari tiegħu ma kellhomx alternattiva għajr li jirrassenjaw ruħhom li dak it-tifel ma kienx iben l-esponent;

7. Illi fit-tieni lok u b' rabta ma' dak hawn fuq sottomess, l-esponent jikkontendi li żgur li ma teżisti l-ebda raġuni valida jew wisq inqas plawżibbli, għalfejn l-attriċi damet tistenna ben tnax-il sena (12) biex tmexxi l-azzjoni odjerna;

8. Illi kuntrarjament għal dak rikjest mil-liġi fil-każ ta' wild imwieled fiż-żwieġ, il-liġi ma tipprovdix terminu speċifiku sabiex tiġi istitwita kawża biex tiġi stabbilita l-paternità ta' wild imwieled *barra* miż-żwieġ;

9. Illi pero' dan żgur ma jiġġustifikax it-tul ta' snin li l-attriċi stenniet illi jgħaddu qabel ma ddeċidiet li tikkonferma min huwa verament missier il-minuri. Dan qiegħed jingħad mhux biss minħabba l-interessi tal-esponent u familtu, li ovvjament issa nqelbitilhom ħajjithom ta' taħt fuq mil-lum għal għada kawża tal-proċeduri odjerni, iżda speċjalment in vista tal-interess suprem tal-minuri;

10. Illi r-rikonoxximent li issa qiegħed jintalab mill-attriċi huwa żgur li ser joħloq effett kuntrarju konsiderevoli fuq l-aħjar interessi ta' dan il-minuri;

11. Illi għalhekk fil-konsiderazzzjonijiet tagħha din l-Onorabbli Qorti għandha tikkonsidera mhux biss l-indizji kollha ta' prova, iżda wkoll l-interess suprem tal-minuri;

12. Illi mingħajr preġudizzju għas-su-espost l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ, l-attriċi setgħet faċilment tottjeni il-konferma ta' min kien verament il-missier bijoloġiku tal-minuri snin ilu u b' mod bonarju meta hija kien għadha f' relazzjoni mal-esponent u kwindi l-istess esponent issa ma għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-istanti kawża iżda dawn għandhom jiġu sopportati interament mill-attriċi.

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut C D;

Semghet lix-xhieda illi tressqu;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi li gew prodotti u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Il-Qorti rat id-digriet tagħha tal-4 ta' Novembru 2015[1], fejn il-Qorti laqgħet it-talba tal-attriċi għall-korrezzjoni tal-okkju u tal-atti sabiex isimha jaqra "A" minflok "A".

Rat ukoll id-digriet ieħor tagħha tal-4 ta' Novembru 2015[2], fejn stante l-qbil tal-partijiet, mat-talba tal-attriċi sabiex hija tinħatar kuratriċi *ad litem* tal-minuri N B, il-Qorti laqgħet din l-istess talba tal-attriċi u ħatret lill-attriċi bħala kuratriċi *ad litem* ta' binha minuri N B.

Rat l-artikolu 86A, subinċiż (1) tal-Kodiċi Ċivili[3], illi jistipula li: *"L-omm ta' iben imnissel jew imwieled barra miż-żwieġ li ma jiġix magħruf mill-missier, u dak l-istess tifel, jistgħu f'kull żmien iressqu talba ġudizzjarja biex tiġi stabbilita l-paternità tat-tifel u biex il-qorti tordna r-reġistrazzjoni ta' dik il-paternità fl-atti tal-istat ċivili relattivi."*

Rat l-affidavit tal-**attriċi**[4] u r-ritratti miegħu annessi, fejn hija spjegat kif hija u l-konvenut D kienu ltaqgħu fl-2001 u minn hemmhekk bdew relazzjoni li damet għal ċirka ħames snin. Fit-12 ta' Diċembru 2003, minn din ir-relazzjoni, twieled il-minuri N. Il-partijiet baqgħu flimkien għal madwar sena u nofs oħra wara t-twelid tat-tifel fejn imbagħad infirdu.

Meta twieled it-tifel, billi kemm l-attriċi u wkoll il-konvenut D kienu għandhom żgħar, ta' sittax u tmintax-il sena rispettivament, huma baqgħu jgħixu mal-ġenituri rispettivi tagħhom. L-attriċi xehdet li meta twieled it-tifel, il-konvenut D ma xtaqx illi jirrikonoxxih bħala ibnu u għalhekk it-tifel sal-lum għadu reġistrat bħala iben missier mhux magħruf.

Iżżid illi meta nfirdu, il-konvenut D ma baqax iżur lit-tifel u lanqas kien jgħaddilu manteniment. Tgħid li matul ir-relazzjoni tagħha ma' C, ma kellhiex irġiel oħra u kienet toħroġ miegħu biss. Fil-magħmudija tat-tifel, il-konvenut C D kien preżenti u wkoll il-ġenituri tiegħu fejn saħansitra missier il-konvenut kien il-parrinu tat-tarbija.

---

[1] Fol. 34

[2] Fol. 34

[3] Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta

[4] Fol. 20 tal-proċess

Rat l-affidavit[5] ta' omm l-attriċi u cioe **Jane Cauchi**, illi kkonfermat illi bintha bdiet toħroġ mal-konvenut D meta kellha tlettax-il sena, u mir-relazzjoni tagħhom twieled tifel li jismu N B. Meta ħassru r-relazzjoni ta' bejniethom, xi sena u nofs wara t-twelid tat-tifel, lill-konvenut D ma baqgħux jarawh. Ikkonfermat ix-xiehda ta' bintha dwar il-magħmudija tat-tarbija u żiedet illi l-festin tal-magħmudija kien sar fid-dar tal-ġenituri tal-konvenut D. Lil C ilha ma tarah snin twal, u sa fejn taf hi, qatt m'għadda flus lil bintha bħala manteniment tat-tifel.

Din il-verżjoni attriċi hija kontradetta mill-konvenut D li fir-risposta ġuramentata tiegħu, isostni li kienet l-attriċi li żammitu milli jirreġistra lil N bħala ibnu. Kull meta, sa minn qabel it-twelid, huwa kien iqajjem l-argument, hija kienet tibda tħawwad fid-diskors tagħha sakemm darba waħda huwa kkonfrontaha, u hija infurmatu b'mod ċar u inekwivoku, li huwa ma kienx il-missier bijoloġiku tal-minuri N. Kien prinċiparjament għal din ir-raġuni li r-relazzjoni ta' bejniethom sfaxxat. Illi l-familja tiegħu baqgħu jistaqsuha dwar il-paternita` tat-tifel sakemm dan kellu erba' snin, u mbagħad huma rrassenjaw ruħhom li N ma kienx ibnu.

Rat ir-rapport tad-DNA redatt minn Dr. Marisa Cassar u ppreżentat mill-attriċi fil-5 ta' Novembru 2015[6], illi minnu rriżulta li saru testijiet ġenetiċi fuq żewġ minuri, fosthom il-minuri suġġett ta' din il-kawża odjerna, liema testijiet ikkonkludew illi l-istess żewġ minuri x'aktarx huma ulied l-istess missier. L-identita` tal-missier f'dan l-istadju ma kinitx żvelata u lanqas ma kien ħalla l-kampjun sabiex fuqu setgħu isiru t-testijiet. Illi għaldaqstant Dr. Marisa Cassar issuġġeriet illi jkun aħjar li l-allegat missier taż-żewġ minuri jħalli l-kampjun ukoll. *"To further confirm the relationship, it is recommended that the alleged father of the two children submits a sample."*

Rat ir-rapport l-ieħor tad-DNA redatt minn Dr. Marisa Cassar u ppreżentat minnha fit-12 ta' Jannar 2017[7]. Dr. Cassar ikkonfermat bil-ġurament li hija ħadet il-kampjun orali ta' C D

[5] Fol. 22 tal-proċess
[6] Fol. 38 et seq.
[7] Fol. 51 et seq.

(ID 212985M) sabiex ikunu jistgħu isiru t-testijiet ġenetiċi tad-DNA. Mit-testijiet li għamlet, irriżulta illi C D (ID 212985M) huwa l-missier naturali ta' N B imwieled fit-12 ta' Diċembru 2003 u ta' Leah D imwielda fl-10 t'Awwissu 2008.

Rat iċ-ċertifikat tat-twelid tal-allegat missier C D, minn fejn jirriżulta illi d-dettalji tiegħu kif imniżżla fir-rikors ġuramentat, huma korretti u veritieri u għall-preċiżjoni jiġi rilevat illi missieru jismu Orazio-Godwin D[8] mhux O D. Semgħet ukoll lill-istess konvenut D jixhed[9], fejn huwa kkonferma li meta twieled il-minuri N, huwa kien jirrisjedi f'Pembroke u li missieru kien għadu ħaj.

Ikkunsidrat:

## KONSIDERAZZJONIJIET

<u>Dwar l-eċċezzjonijiet preliminari sollevati mill-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku</u>

Dwar l-eċċezzjonijiet preliminari imressqa mid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, u cioe it-tieni u t-tielet eċċezzjoni sollevati minnu, il-Qorti m'hijiex ser telabora wisq għajr illi tikkonferma li l-istess eċċezzjonijiet ġew sorvolati bid-digrieti tagħha tal-4 ta' Novembru 2015, ġja ċċitati.

<u>Dwar il-mertu</u>

Kien ġustifikat il-konvenut D meta talab li jsiru t-testijiet ġenetiċi bit-teħid tal-kampjun tiegħu u dana stante li mill-ewwel testijiet ġenetiċi, filwaqt li rriżulta li N għandu l-istess missier bħall-minuri Leah D, l-istess testijiet ma stabbilixxewx min huwa missierha. Inoltre, tenut kont li l-verżjoni tal-attriċi nbidlet matul iż-żmien, huwa ġustifikat li ma joqgħodx fuq il-verżjoni tagħha.

Jirriżulta mill-istess testijiet ġenetiċi illi effettivament il-minuri N B huwa l-wild naturali u bijoloġiku tal-konvenut C D. Illi kif

---

[8] Enfasi miżjud mill-Qorti.

[9] Udenza tad-19 ta' Jannar 2017.

dejjem irritjeniet il-Qorti, f'kawżi bħal dawn, il-provi ġenetiċi huma l-prova reġina u għalhekk il-Qorti tista' tiddependi fuqhom mingħajra analiżi ta' provi oħra u cioe jekk l-attriċi kellhiex relazzjonijiet sesswali ma' rġiel oħra, oltre l-konvenut D, fiż-żmien tal-konċepiment tal-minuri N.

It-test xjentifiku, hekk kif ikkonfermat bil-ġurament, jelimina kull dubju dwar il- paternita' tal-minuri. Għaldaqstant, il-provi miġjuba quddiem din l-Onorabbli Qorti juru bl-aktar mod ċar u inekwivoku li N B huwa l-wild naturali tal-intimat C D. Illi għalhekk il-Qorti tara li m'hemm l-ebda raġuni għalfejn m'għandhiex tilqa' it- talbiet attriċi.

Dwar il-kunjom li għandu jassumi l-minuri

Rat il-verbal tal-5 ta' Novembru 2015[10], illi permezz tiegħu il-partijiet kollha qablu illi l-minuri għandu jibqa' magħruf bil-kunjom B.

Il-Qorti kkunsidrat illi l-minuri llum għandu tlettax-il sena magħluqa u li f'dawn it-tlettax-il sena, huwa dejjem kien magħruf bil-kunjom ta' ommu, ossia B. Illi l-Qorti m'hijiex tal-fehma li dan għandu jinbidel issa f'dan l-istadju pjuttost teneru f'ħajtu fejn huwa diġa adoloxxenti, fażi tal-ħajja li ġġib magħha ċertu taqlib emozzjonali u instabbilita`. Il-Qorti ma tixtieqx li tkompli tikkomplika l-ħajja tal-minuri billi tibdillu kunjomu, partikolarment in vista li l-ġenituri tiegħu qablu li huwa jibqa' magħruf bil-kunjom B.

Għaldaqstant il-Qorti ser tgħaddi sabiex ai termini tal-Artikolu 92, sub-inċiż 6 tal-Kodiċi Ċivili, tordna li l-minuri N jibqa' magħruf bil-kunjom B. Dana m'għandu jnaqqas xejn mill-involviment tal-missier fil-ħajja tal-minuri li jista' jibbenefika minn relazzjoni tajba miegħu, filwaqt illi jevita li jgħaddi minn xi esperjenzi negattivi minħabba l-bdil ta' kunjomu.

Dwar il-kap tal-ispejjeż

[10] Fol. 35

Il-konvenut D jissottometti illi huwa bl-ebda mod m'għandu jbati l-ispejjeż tal-kawża u dana stante illi l-attriċi kienet infurmatu illi effettivament il-minuri N ma kienx ibnu iżda iben raġel ieħor li miegħu kellha relazzjoni fl-istess żmien. Huwa jsostni li huwa m'għandux jeħel l-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri għaliex l-attriċi setgħet faċilment tottjeni il-konferma ta' min kien verament il-missier bijolġiku tal-minuri.

Il-Qorti ma taqbilx. Il-konvenut D, seta' wkoll, bl-istess mod bħall-attriċi, jitlob li jsiru it-testijiet ġenetiċi fuq il-minuri sabiex jikkonferma jekk kienx ibnu jew le. Huwa stess jgħid li l-attriċi kienet tħawwad fi kliemha dwar il-paternita` tal-minuri, u għalhekk seta talab li jsiru it-testijiet ġenetiċi fi stadju ferm iktar bikri. Ma kellux joqgħod fuq il-kelma tal-attriċi, li wrietu li ma kinitx affidabbli.

Għalhekk il-Qorti hija tal-fehma illi l-ispejjeż kollha tal-kawża, inkluż tat-testijiet ġenetiċi tad-DNA li saru bit-teħid tal-kampjun tal-missier, għandhom jinqasmu b'mod ugwali bejn l-attriċi u l-konvenut C D.

**DEĊIDE**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' t-talbiet attriċi u tiddisponi mill-eċċezzjonijiet tal-konvenuti billi:-

1. Tiddikjara illi l-intimat C D huwa l-missier bijoloġiku tal-minuri N B, imwieled fit-12 ta' Diċembru 2003;

2. Tordna illi l-minuri N jibqa' magħruf bil-kunjom B; u għaldaqstant id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku qed jiġi ordnat iniżżel annotazzjoni ta' din id-deċiżjoni fuq l-att tat-twelid tal-minuri.

3. Tordna lill-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex fiċ-ċertifikat tat-twelid tal-minuri N, fid-dettalji ta' missier it-tarbija, huwa jħassar il-kliem "missier mhux magħruf" u minflok iniżżel id-dettalji tal-intimat C D, detentur tal-karta tal-Identita` Maltija bin-numru 212985(M), li meta twieled

il-minuri kellu tmintax(18)-il sena, imwieled fil-Pieta` u residenti Pembroke u huwa iben O D li kien ħaj fil-mument tat-twelid tal-minuri.

Bl-ispejjeż, ikun sopportati b'mod ugwali mill-attriċi A B u l-konvenut C D.